

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1561****tal-14 ta' Settembru 2017****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u (3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Fit-13 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/445 <sup>(2)</sup>, biex b'hekk gēdded il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.
- (3) Fid-dawl tal-kontinwazzjoni tat-tqegħid fil-periklu jew it-theddid lill-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, id-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandha tiġġedded għal sitt xhur oħra.
- (4) Il-Kunsill irreveđa d-deżinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK u ddeċieda li jemenda l-informazzjoni dwar ċerti individwi u entitajiet.
- (5) L-entrati għal erba' persuni deċeduti jenħtieġ li jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet deżinjati.
- (6) Konsegwentement għal tibdil fl-istruttura tas-sjeda ta' tliet entitajiet, l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jinżammu fis-seħħ il-miżuri kontribom.
- (7) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. B'deroga mill-paragrafu 2, Stat Membru jista' jawtorizza pagamenti lill-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea għal servizzi pprovduti fil-portijiet ta' Kerch Fishery Port, Yalta Commercial Port u Evpatoria Commercial Port, u servizzi pprovduti minn Gosgidrografiya u minn fergħat tal-Port-Terminal tal-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea."

- (2) Fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Marzu 2018."

<sup>(1)</sup> ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/445 tat-13 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 67, 14.3.2017, p. 88).

*Artikolu 2*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandu jiġi emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Settembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

A. ANVELT

\_\_\_\_\_

## ANNEX

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) Jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

## Persuni

15.	Oleg Evgenevich PANTELEEV
44.	Valeriy Dmitrievich BOLOTOV
136.	Mikhail Sergeevich TOLSTYKH
139.	Sergey Anatolievich LITVIN

(2) Jitħassru l-entrati li jikkonċernaw l-entitajiet li ġejjin:

## Entitajiet

2.	Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata "Port Feodosia"
12.	Intrapriża statali tal-vapuri "Kerch ferry"
14.	Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata "Port tal-baħar ta' Kerch"/ "Kamysh-Burun"

(3) Tizzied l-entità li ġejja:

## Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
38.	'Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea "Crimean Sea Ports" (Государственное унитарное предприятие Республики Крым "Крымские морские порты"), inkluż il-fergħat: — Feodosia Commercial Port, — Kerch Ferry, — Kerch Commercial Port.	28 Kirova Street Kerch 298312 il-Krimea (298312, Республика Крым, гор. Керчь, ул. Кирова, дом 28)	Il-Parlament tal-Krimea' adotta r-Riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 fis-17 ta' Marzu 2014 'Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpanniji li jappartjenu lill-Ministeri Ukreni għall-Infrastruttura jew l-Agrikoltura' u r-Riżoluzzjoni Nru 1865-6/14 fis-26 ta' Marzu 2014 'Dwar l-Intrapriża tal-Istat "Crimean Sea Ports" ('О Государственном предприятии "Крымские морские порты") li jiddikjaraw l-appropriazzjoni ta' assi li jappartjenu lil diversi intrapriżi tal-Istat li ġew integrati fl-'Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea "Crimean Sea Ports" fisem ir-Repubblika tal-Krimea'. B'hekk dawk l-intrapriżi ġew effettivament konfiskati mill-'awtoritajiet' tal-Krimea u 'Crimean Sea Ports' ibbenefikat mit-trasferiment illegali tas-sjieda tagħhom.	16.9.2017

(4) L-entrati li jirrigwardaw il-persuni u l-entitajiet elenkat i hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1.	Sergey Valeryevich AKSYONOV, Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич АКСѐНОВ), Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович АКСЬОНОВ)	Data tat-twelid: 26.11.1972 Post tat-twelid: Beltsy (Bălți), issa r-Repubblika tal-Moldova	Aksyonov ġie elett 'Prim Ministru tal-Krimea' fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati li jappoġġaw lir-Russja. L-'elezzjoni' tiegħu ġiet iddikjarata li tmur kontra l-kostituzzjoni mill-aġent President Ukren Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Huwa għamel pressjoni attiva favur ir-'referendum' tas-16 ta' Marzu 2014 u kien wieħed mill-kofirmatarji tat-'trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa' tat-18 ta' Marzu 2014. Fid-9 ta' April 2014 huwa nħatar aġent 'Kap' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea' mill-President Putin. Fid-9 ta' Ottubru 2014, huwa ġie 'elett' formalment bħala l-'Kap' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. Aksyonov sussegwentement iddikjara li l-karigi ta' 'Kap' u 'Prim Ministru' jġu kkombinati.  Membru tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja. Minn Jannar 2017 'l hawn, membru tal-Kunsill Għoli tal-Partit Russja Magħquda.  Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' 'Mertu lejn il-Patrija' — L-ewwel grad.	17.3.2014
3.	Rustam Ilmirovich TEMIRGALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ) Rustam Ilmyrovych TEMIRHALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ)	Data tat-twelid: 15.8.1976 Post tat-twelid: Ulan- Ude, Buryat ASSR (SFSR tar-Russja)	Meta kien Viċi Prim Ministru tal-Krimea, Temirgaliev qeda rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-'Kunsill Suprem' dwar ir-'referendum' tas-16 ta' Marzu 2014 kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa għamel pressjoni attiva favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.  Fil-11 ta' Ġunju 2014 huwa rriżenja mill-funzjoni tiegħu bħala 'L-Ewwel Viċi Prim Ministru' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'.  Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	17.3.2014
5.	Aleksei Mikhailovich CHALIY (Алексей Михайлович Чаый) Oleksiy Mukhaylovych CHALYY (Олексій Михайлович ЧАЛИЙ)	Data tat-twelid: 13.6.1961 Post tat-twelid: Moska jew Sevastopol	Chaliy sar 'Sindku tal-Poplu ta' Sevastopol' b'akklamazzjoni popolari fit-23 ta' Frar 2014 u aċċetta dan il-'vot'. Huwa mexxa kampanja b'mod attiv biex Sevastopol issir entità separata tal-Federazzjoni Russa b'segwitu għal referendum fis-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-'trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa' tat-18 ta' Marzu 2014. Huwa kien aġent 'gvernatur' ta' Sevastopol mill-1 sal-14 ta' April 2014 u kien President 'elett' tal-'Assemblea Legiſlattiva' tal-Belt ta' Sevastopol. Membru tal-'Assemblea Legiſlattiva' tal-Belt ta' Sevastopol.  Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' 'Mertu lejn il-Patrija' — L-ewwel grad.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
21.	Aleksandr Viktorovich GALKIN (Александр Викторович ГАЛКИН)	Data tat-twelid: 22.3.1958 Post tat-twelid: Ordzhonikidze, ASSR tal-Ossezja tat- Tramuntana	Eks-Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinar tar-Russja ('SMD'), li l-forzi tiegħu jinsabu fil-Krimea; il-Flotta tal-Baħar l-Iswed hija taħt il-kmand ta' Galkin; ħafna mill-moviment tal-forza fil-Krimea seħħ minn ġewwa l-SMD.  Il-forzi tal-SMD huma skjerati fil-Krimea. Huwa responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranità tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea fl-impediment ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet lejn referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Barra minn hekk, il-Flotta tal-Baħar l-Iswed taqa' taħt il-kontroll tad-Distrett.  Bħalissa impjegat mill-Apparat Ċentrali tal-Ministeru għad-Difiża Russu. Assistent tal-Ministru għad-Difiża mid-19 ta' Jannar 2017 'l hawn.	17.3.2014
45.	Andrei Evgenevich PURGIN (Андрей Евгеньевич ПУРГИН) Andriy Yevhenovych PURHIN (Андрій Євгенович ПУРГІН)	Data tat-twelid: 26.1.1972 Post tat-twelid: Donetsk	Parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-'turisti Russi' f'Donetsk. Kofundatur ta' 'Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika'. Kien 'l-Ewwel Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri'. Sal-4 ta' Settembru 2015 kien 'President' tal-'Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'.  Fi Frar 2017 tneħħielu l-mandat tiegħu ta' membru tal-'Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk' wara deċiżjoni tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu'.  Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	29.4.2014
47.	Sergey Gennadevich TSYPLAKOV (Сергей Геннадьевич ЦЫПЛАКОВ) Serhiy Hennadiyovych TSYPLAKOV (Сергій Геннадійович ЦИПЛАКОВ)	Data tat-twelid: 1.5.1983 Post tat-twelid: Khartysytsk, reġjun ta' Donetsk	Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-Milizzja tal-Poplu ta' Donbass. Ħa sehem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-Istat fir-reġjun ta' Donetsk.  Membru tal-'Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk', President tal-'Kumitat tal-Kunsill tal-Poplu għall-Politika dwar l-Informazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni'.	29.4.2014
53.	Oleg Grigorievich KOZYURA (Олег Григорьевич КОЗЮРА) Oleh Hryhorovych KOZYURA (Олег Григорович КОЗЮРА)	Data tat-twelid: 30.12.1965 jew 19.12.1962 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea jew Zaporizhia	Kien Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għal Sevastopol. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti ta' Sevastopol.  Bħalissa assistent tad-Deputat tal-Kunsill Muniċipali ta' Sevastopol, Mikhail Chaly.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
58.	Roman Viktorovich LYAGIN (Роман Викторович ЛЯГИН) Roman Viktorovich LIANIN (Роман Вікторович ЛЯГІН)	Data tat-twelid: 30.5.1980 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	Kien kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar- 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Organizza b'mod attiv ir-referendum tal-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar- 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Kien 'Ministru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali'. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	12.5.2014
61.	Igor Sergeievich SHEVCHENKO (Игорь Сергеевич ШЕВЧЕНКО)	Post tat-twelid: Sevastopol, il-Krimea	Prosekutur ta' Sevastopol. Implementa b'mod attiv l-annessjoni ta' Sevastopol mir-Russja.	12.5.2014
68.	Aleksey Vyacheslavovich KARYAKIN (Алексей Вячеславович КАРЯКИН) Oleksiy Vyacheslavovich KARYAKIN (Олексій В'ячеславович КАРЯКІН)	Data tat-twelid: 7.4.1980 jew 7.4.1979 Post tat-twelid: Stakhanov reġjun ta' Lugansk	Sal-25 ta' Marzu 2016 l-hekk imsejjaħ 'Presi- dent tal-Kunsill Suprem tar- Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk'. Kien membru tal- hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu tar- Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk'. Responsabbli għall-attivitajiet 'governattivi' se- paratisti tal-'Kunsill Suprem', responsabbli għat- talba lill-Federazzjoni Russa biex tirrikonoxxi l- indipendenza tar- 'Repubblika tal-Poplu ta' Lu- gansk'. Firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-'un- joni ta' Novorossiya'. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.7.2014
73.	Mikhail Efimovich FRADKOV (Михаил Ефимович ФРАДКОВ)	Data tat-twelid: 1.9.1950 Post tat-twelid: Kurumoch, reġjun ta' Kuibyshev	Eks-membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; kien Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estra tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jip- provdni pariri dwar u jikkordina l-affarijiet tas- sigurtà nazżjonali, kien involut fit-tfassil tal-po- litika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità ter- ritorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Uk- rajna. Fl-4 ta' Jannar 2017, Direttur tal-Istitut Russu għall-Istudji Strateġiċi. Huwa wkoll il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' 'Almaz-Antey'. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	25.7.2014
86.	Serhii Anatoliyovich ZDRILIUK magħruf ukoll bħala Abwehr (Сергей Анатольевич ЗДРИЛЮК) (Сергій Анатолійович ЗДРИЛЮК)	Data tat-twelid: 23.6.1972 (jew 23.7.1972) Post tat-twelid: Reġjun ta' Vinnytsia	Assistent għoli ta' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-in- dipendenza tal-Ukrajna. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Zdriliuk għalhekk appoġġa az- zjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità ter- ritorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Uk- rajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
87.	Vladimir ANTYUFYEV (magħruf ukoll bħala Vladimir SHEVTSOV, Vladimir Iurievici ANTIUFEEV, Vladimir Gheorghievici ALEXANDROV, Vadim Gheorghievici SHEVTSOV) (Владимир АНТЮФЕЕВ)	Data tat-twelid: 19.2.1951 Post tat-twelid: Novosibirsk	Kien 'Ministru għas-Sigurtà tal-Istat' fir-reġjun separatist tat-Transnistrija. Kien viċi prim ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk', responsabbli għas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi. Fil-kapaċità tiegħu, kien responsabbli għall-attivitàjiet 'governattivi' separatisti tal-hekk imsejjaħ 'gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	25.7.2014
93.	Konstantin Valerevich MALOFEEV (Константин Валерьевич МАЛОФЕЕВ)	Data tat-twelid: 3.7.1974 Post tat-twelid: Puschino, reġjun ta' Moska	Is-Sur Malofeev għandu rabtiet mill-qrib ma' separatisti Ukreni fil-Lvant tal-Ukrajna u l-Krimea. Kien impjegatur tas-Sur Borodai, li kien l-hekk imsejjaħ 'Prim Ministru' tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' u ltaqa' mas-Sur Aksyonov, l-hekk imsejjaħ 'Prim Ministru' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea', matul il-perijodu tal-proċess tal-annessjoni tal-Krimea. Il-Gvern Ukren fetaħ investigazzjoni kriminali dwar l-allegat appoġġ materjali u finanzjarju tiegħu lis-separatisti. Barra minn hekk, huwa għamel numru ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw l-annessjoni tal-Krimea u l-inkorporazzjoni tal-Ukrajna fir-Russja u b'mod partikolari f'Ġunju 2014 iddikjara li 'Ma tistax tinkorpora l-Ukrajna kollha kemm hi fir-Russja. Forsi l-Lvant (tal-Ukrajna)'. Għalhekk is-Sur Malofeev qed jappoġġa d-des-tabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.	30.7.2014
127.	Oleg Evgenevich BUGROV (Олег Евгеньевич БУГРОВ) Oleh Yevhenovych BUHROV (Олег Євгенович БУГРОВ)	Data tat-twelid: 29.8.1969 jew 1973 Post tat-twelid Sverdlovsk, Luhansk	Kien 'Ministru għad-Difiża' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk'. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddes-tabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
131.	Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (magħruf ukoll bħala Yevhen Vyacheslavovych ORLOV) (Евгений Вячеславович ОРЛОВ)	Data tat-twelid: 10.5.1980 jew 21.10.1983 Post tat-twelid: Snezhnoye, reġjun ta' Donetsk г. Снежное, Донецкой области	Membru tal-'Kunsill Nazzjonali' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. President tal-moviment pubbliku 'Donbass Ħieles'. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddes-tabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
137.	Eduard Aleksandrovich BASURIN (Эдуард Александрович БАСУРИН) Eduard Oleksandrovych BASURIN (Едуард Олександрович БАСУРИН)	Data tat-twelid: 27.6.1966 Post tat-twelid: Donetsk	Kelliem tal-Ministeru għad-Difiża tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddes-tabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Għadu kmandant militari attiv fl-hekk imsejħa 'DNR'.	16.2.2015
143.	Evgeny Vladimirovich MANUYLOV (Евгений Владимирович МАНУЙЛОВ) Yevhen Volodymyrovych MANUYLOV (Євген Володимирович МАНУЙЛОВ)	Data tat-twelid: 5.1.1967 Post tat-twelid: Baranykivka, Bilovodsk Raion, reġjun ta' Luhansk с. Бараниковка Беловодского района Луганской области	L-hekk imsejjaħ 'Ministru għall-Finanzi' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk'. Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddes-tabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
147.	Anatoly Ivanovich ANTONOV (Анатолий Иванович Антонов)	Data tat-twelid 15.5.1955 Post tat-twelid: Omsk	Kien Viċi Ministru għad-Difiża u, f'dik il-kapaċità, involut fl-appoġġ tal-iskjerament ta' truppi Russi fl-Ukrajna. Skont l-istruttura attwali tal-Ministeru għad-Difiża Russu, f'dik il-kapaċità huwa pparteċipa fit-fassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu. Dawn il-politiki jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fit-28 ta' Diċembru 2016 kien Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin.	16.2.2015

## Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1.	Intrapriża Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' 'Chernomorneftegaz' (qabel magħrufa bħala PJSC Chernomorneftegaz)	Prospekt Kirov 52, Simferopol, Crimea, 295000 пр.Кирова 52, г. Симферополь, Крым, 295000 Nru tat-telefon: +7 (3652) 66-70-00 +7 (3652) 66-78-00	Fis-17.3.2014 il-'Parlament tal-Krimea' adotta riżoluzzjoni li tiddikjara l-approprijazzjoni tal-assi li jappartjenu għall-intrapriża Chernomorneftegaz fisem ir-'Repubblika tal-Krimea'. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-'awtoritajiet' tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fid-29.11.2014 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' 'Chernomorneftegaz' (Государственное унитарное предприятие Республики Крым 'Черноморнефтегаз'). Fundatur: Il-Ministeru għall-Fjuwil u l-Enerġija tar-Repubblika tal-Krimea (Министерство топлива и энергетики Республики Крым).	12.5.2014



	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
3.	<p>L-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Lugansk'</p> <p>'Луганская народная республика'</p> <p>'Luganskaya narodnaya respublika'</p>	<p>Sit elettroniku uffiċjali:  <a href="http://lugansk-online.info">http://lugansk-online.info</a></p> <p>Numru tat-telefon:            +38-099-160-74-14</p>	<p>L-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Lugansk' ġiet stabbilita fis-27 ta' April 2014.</p> <p>Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta' Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta' Mejju 2014.</p> <p>Fit-22 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin 'Repubblika Popolari' ta' Donetsk u Lugansk ħolqu l-hekk imsejjaħ 'Stat Federali ta' Novorossiya'.</p> <p>Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukrena, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ tal-'Armata tax-Xlokk' separatista u gruppi separatisti illegali armati oħrajn, u għaldaqstant tipperikola l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.</p>	25.7.2014
5.	<p>L-hekk imsejjaħ 'Stat Federali ta' Novorossiya'</p> <p>'Федеративное государство Новороссия'</p> <p>'Federativnoye Gosudarstvo Novorossiya'</p>	<p>Stqarrijiet uffiċjali għall-istampa:  <a href="http://novorossia.su/official">http://novorossia.su/official</a>  <a href="http://frn2016.netdo.ru/">http://frn2016.netdo.ru/</a>  <a href="https://www.novorosinform.org/">https://www.novorosinform.org/</a></p>	<p>Fl-24 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin 'Repubblika tal-Poplu' ta' Donetsk u Lugansk iffirraw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ 'Stat Federali ta' Novorossiya' li mhux rikonoxxut.</p> <p>Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukrena, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	25.7.2014
6.	<p>Unjoni Internazzjonali ta' Assoċjazzjonijiet Pubbliċi 'Great Don Army'</p> <p>Международный Союз Общественных Объединений 'Всевеликое Войско Донское'</p>	<p>Sit elettroniku uffiċjali:  <a href="http://xn--80aaaajfjszd7a3b0e.xn--p1ai/">http://xn--80aaaajfjszd7a3b0e.xn--p1ai/</a></p> <p>Numru tat-telefon:            +7-8-908-178-65-57</p> <p>Media soċjali: Gwardja Nazzjonali Kosakka  <a href="http://vk.com/kazak_nac_guard">http://vk.com/kazak_nac_guard</a></p> <p>Indirizz: 346465            Russia, Rostov Region, October District, St Zaplavskaya, Str Shosseynaya 1</p> <p>It-tieni indirizz:            Voroshilovskiy Prospekt 12/85-87/13, Rostov-on-Don</p>	<p>Il-'Great Don Army' stabbiliet il-'Gwardja Nazzjonali Kosakka', responsabbli għal għied kontra l-forzi tal-Gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant ipperikolat l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna kif ukoll heddet l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.</p> <p>Assoċjata mas-Sur Nikolay Kozitsyn, li huwa Kmandant tal-forzi Kosakki u responsabbli għat-tmexxija tas-separatisti fl-Ukrajna tal-Lvant li qed jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren.</p>	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
7.	'Sobol' 'СОБОЛЬ'	Sit elettroniku uffiċjali: <a href="http://soboli.net">http://soboli.net</a> Media soċjali: <a href="http://vk.com/sobolipress">http://vk.com/sobolipress</a> Numru tat-telefon: (0652) 60-23-93. Posta elettronika: SoboliPress@gmail.com Indirizz: Crimea, Simferopol, str. Kiev, 4 (area bus station 'Central').	Organizzazzjoni paramilitari radikali, responsabbli għall-appoġġ bla haġbi tal-użu tal-forza biex jintemm il-kontroll tal-Ukrajna fuq il-Krimea, u għaldaqstant tipperikola l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.  Responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fil-Lvant tal-Ukrajna, u għaldaqstant thedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	25.7.2014
13.	Intrapriża Unitarja Statali tal-Belt ta' Sevastopol, 'Port tal-baħar ta' Sevastopol' ГУП ГС 'Севастопольский морской порт' (qabel magħrufa bħala l-intrapriża Statali 'Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol' Государственное предприятие 'Севастопольский морской торговый порт' Gosudarstvenoye predpriyatiye Sevastopolski morskoy torgovy port')	Nakhimov Square 5, 299011 Sevastopol (пл. Нахимова, 5, г. Севастополь, 299011.) Kodiċi: 1149204004707	Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fis-17 ta' Marzu 2014 il-'Parlament tal-Krimea' adotta riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 'Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpanniji li jappartjenu lill-ministeri Ukreni għall-infrastruttura jew l-agrikoltura' li tiddikjara l-approprijazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-intrapriża statali 'Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol' f'isem ir-'Repubblika tal-Krimea'. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-'awtoritajiet' tal-Krimea. F'termini ta' volum ta' kummerċ, huwa l-akbar port tal-baħar kummerċjali fil-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fis-6 ta' Ġunju 2014 bħala l-Impriża Unitarja Statali tal-Belt ta' Sevastopol 'Port tal-baħar ta' Sevastopol' (Государственное унитарное предприятие города Севастополя 'Севастопольский морской порт'). Fundatur: Il-Gvern ta' Sevastopol (Правительство Севастополя).	25.7.2014
15.	Intrapriża Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' 'Universal-Avia' Государственное унитарное предприятие Республики Крым 'Универсал-Авиа' (qabel magħrufa bħala State enterprise Universal -Avia Государственное предприятие 'Универсал-Авиа' Gosudarstvenoye predpriyatiye 'Universal-Avia')	Aeroflotskaya Street 5, 295024, Simferopol ул. Аэрофлотская, дом 5, 295024, г Симферополь),	Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fl-24 ta' Marzu 2014 il-'Presidju tal-Parlament tal-Krimea' adotta deċiżjoni 'Dwar l-Intrapriża ta' Sjieda tal-Istat "Gosudarstvenoye predpriyatiye Universal-Avia" ('О Государственном предприятии "Универсал-Авиа")' Nru 1794-6/14 li tiddikjara l-approprijazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-intrapriża statali 'Universal-Avia' f'isem ir-'Repubblika tal-Krimea'. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-'awtoritajiet' tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fil-15 ta' Jannar 2015 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' 'Universal-Avia' (Государственное унитарное предприятие Республики Крым 'Универсал-Авиа'). Fundatur: Il-Ministeru għat-Trasport tar-'Repubblika tal-Krimea' (Министерство транспорта Республики Крым).	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
17.	<p>Intrapriża tar-Repubblika tal-Krimea 'Azov distillery plant'</p> <p>Крымское республиканское предприятие 'Азовский ликёроводочный завод'</p> <p>Azovsky likerovodochny zavod</p>	<p>40 Zeleznodorozhnaya str., 296178 Azovskoye, Jankoysky district</p> <p>(Джанкойский район, 296178</p> <p>пгт Азовское, ул. Железнодорожная, 40)</p> <p>kodiċi: 01271681</p>	<p>Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-'Presidju tal-Parlament tal-Krimea' adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 'Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea' tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 'Dwar innazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumplex agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea' li tiddikjara l-approprijazzjoni ta' assi li jappartjenu lil 'Azovsky likerovodochny zavod' fisem ir-'Repubblika tal-Krimea'. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-'awtoritajiet' tal-Krimea.</p> <p>Jingħad li ġiet iddikjarata falluta. Ġestita minn Sinerġiya.</p>	25.7.2014
18.	<p>Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali 'Unjoni Agrarja tal-Produtturi "Massandra" tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa</p> <p>'Производственно-аграрное объединение "Массандра" Управления делами Президента Российской Федерации'</p> <p>(qabel magħrufa bħala entità statali "Assoċjazzjoni Nazzjonali ta' produtturi "Massandra")</p> <p>Национальное производственно-аграрное объединение 'Массандра'</p> <p>Nacionalnoye proizvodstvenno agrarnoye obyedinenye Massandra)</p>	<p>298650, Crimea, Yalta, Massandra, str.Vinodela Egorova 9.</p> <p>298650, Крым, г.Ялта, пгт. Массандра, ул. Винодела Егорова, д.9</p> <p>Sit elettroniku: <a href="http://massandra.su/">http://massandra.su/</a></p>	<p>Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-'Presidju tal-Parlament tal-Krimea' adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 'Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea' tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 'Dwar innazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumplex agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea' li tiddikjara l-approprijazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-entità statali 'Assoċjazzjoni Nazzjonali ta' produtturi "Massandra" fisem ir-'Repubblika tal-Krimea'. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-'awtoritajiet' tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fl-1 ta' Awwissu 2014 bħala l-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali 'Proizvodstvenno agrarnoye obyedinenye "Massandra" tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (Федеральное государственное унитарное предприятие 'Производственно аграрное объединение "Массандра" Управления делами Президента Российской Федерации'). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (Управление делами Президента Российской Федерации).</p>	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	<p>Istituzzjoni tal-baġit tal-Istat Federali għax-xjenza u r-riċerka 'Istituzzjoni nazzjonali ta' riċerka xjentifika tar-Russja għall-vitikultura u l-produzzjoni tal-inbid l-Akkademja tax-Xjenzi Russa 'Magarach'</p> <p>Федеральное государственное бюджетное учреждение науки «Всероссийский национальный научно-исследовательский институт виноградарства и виноделия «Магарач» РАН»</p> <p>(Qabel magħrufa bħala Intrapriża Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' l-'Istitut Nazzjonali tal-Inbid "Magarach"</p> <p>Qabel magħrufa bħala: 'Intrapriża statali "Magarach" tal-istitut nazzjonali tal-inbid'</p> <p>Государственное предприятие Агрофирма 'Магарач' Национального института винограда и вина 'Магарач'</p> <p>Gosudarstvenoye predpriyatiye 'Agrofirma Magarach' nacionalnogo instituta vinograda i vina 'Magarach')</p>	<p>298600, Kirov Street 31 Yalta, Crimea</p> <p>298600, Крым, г. Ялта, ул. Кирова, 31</p>	<p>Is-sjeda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-'Presidju tal-Parlament tal-Krimea' adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 'Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea' tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 'Dwar innazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumplex agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea' li tiddikjara l-appropriazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-entità statali 'Gosudarstvenoye predpriyatiye Agrofirma "Magarach" nacionalnogo instituta vinograda i vina "Magarach" f'isem ir-'Repubblika tal-Krimea'. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-'awtoritajiet' tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fil-15 ta' Jannar 2015 bħala l-'Istituzzjoni Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' l-'Istitut Nazzjonali tal-Inbid "Magarach" (Государственное бюджетное учреждение Республики Крым 'Национальный научно исследовательский институт винограда и вина "Магарач"). Fundatur: Il-Ministeru għall-Biedja tar-Repubblika tal-Krimea (Министерство сельского хозяйства Республики Крым).</p> <p>Fis-7 ta' Frar 2017 l-Intrapriża Unitarja Statali tal-Istitut Nazzjonali tal-Inbid "Magarach" tar-'Repubblika tal-Krimea' ġie ttrasformat f'faċilità xjentifika Baġitarja Federali 'Istituzzjoni nazzjonali ta' riċerka xjentifika Russa għall-vitikultura u l-produzzjoni tal-inbid "Magarach", Akkademja Russa tax-Xjenzi'</p>	25.7.2014
20.	<p>Intrapriża statali tar-'Repubblika tal-Krimea' l-'Impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'</p> <p>Государственное унитарное предприятие Республики Крым «Завод шампанских вин Новый Свет»</p> <p>Qabel magħrufa bħala: Intrapriża Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' l-'Fabbrika tal-inbid effervexxenti "Novy Svet"</p> <p>(qabel magħrufa bħala l-intrapriża Statali l-'Impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'</p> <p>Государственное предприятиеЗавод шампанских вин 'Новый свет'</p> <p>Gosudarstvenoye predpriyatiye Zavod shampanskykh vin 'Novy Svet')</p>	<p>298032, Crimea, Sudak, urban village Novy Svet, str.Shalapina 1.</p> <p>298032, Крым, г.Судак, пгт.Новый Свет, ул. Шаляпина, д.1</p>	<p>Is-sjeda tal-entità ġiet trasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014, il-'Presidju tal-Parlament tal-Krimea' adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 'Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea' tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 Dwar innazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumplex agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-'Repubblika tal-Krimea' li tiddikjara l-appropriazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-intrapriża statali "Zavod shampanskykh vin Novy Svet" f'isem ir-'Repubblika tal-Krimea'. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-'awtoritajiet' tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fl-4 ta' Jannar 2015 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' l-'Fabbrika tal-inbid effervexxenti "Novy Svet" (Государственное унитарное предприятие Республики Крым 'Завод шампанских вин "Новый Свет"). Fundatur: Il-Ministeru għall-Biedja tar-Repubblika tal-Krimea' (Министерство сельского хозяйства Республики Крым).</p>	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
23.	Russian National Commercial Bank (Российский национальный коммерческий банк)	295000, Simferopol, Naberezhnaja str imsemmija għas-60 anniversarju tal-Unjoni Sovjetika, 34 295000, Симферополь, ул. Набережная имени 60-летия СССР, д. 34 Sit elettroniku: <a href="http://www.rncb.ru/">http://www.rncb.ru/</a>	Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, ir-Russian National Commercial Bank (RNCB) sar totalment proprjetà tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. F'Jannar 2016 sar proprjetà tal-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni tal-Propjetà tal-Istat, magħrufa wkoll bħala Rosimushchestvo (Федеральное агентство по управлению государственным имуществом (Росимущество)) Sar attur dominanti fis-suq, meta qabel l-annessjoni ma kellu l-ebda preżenza fil-Krimea. Billi xtara jew ħa pussess ta' fergħat ta' banek li rtiraw l-operazzjonijiet tagħhom fil-Krimea, l-RNCB appoġġa materjalment u finanzjarjament l-azzjonijiet tal-gvern Russu biex jintegra l-Krimea fil-Federazzjoni Russa, u b'hekk ipperikola l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	30.7.2014
25.	Paċi għar-Reġjun ta' Luhansk (Mir Luganschine) Мир Луганщине	<a href="https://mir-lug.info/">https://mir-lug.info/</a>	'Organizzazzjoni' pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa 'elezzjonijiet' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' fit-2 ta' Novembru 2014. Dawn l-'elezzjonijiet' huma ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-'elezzjonijiet' illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li pperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar l-Ukrajna. Immexxija minn Igor PLOTNITSKY.	29.11.2014
26.	Donbass Ħieles (magħrufa wkoll bħala 'Donbas Ħieles', 'Svobodny Donbass') Свободный Донбасс	<a href="http://www.odsd.ru/">http://www.odsd.ru/</a>	'Organizzazzjoni' pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa 'elezzjonijiet' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' fit-2 ta' Novembru 2014. Dawn l-'elezzjonijiet' huma ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-'elezzjonijiet' illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li pperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar l-Ukrajna.	29.11.2014
30.	Battaljun Sparta Батальон 'Спарта'		Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Parti mill-hekk imsejjaħ 'L-ewwel Korp tal-Armata' tar-'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
31.	Battaljun Somalu Батальон 'Сомали'		<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.</p> <p>Parti mill-hekk imsejjaħ 'L-ewwel Korp tal-Armata' tar-'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'.</p>	16.2.2015
37.	Moviment 'NOVOROSSIYA' ta' Igor Strelkov Движение 'Новороссия' Игоря СРЕЛКОВА	<a href="http://novorossia.pro/">http://novorossia.pro/</a>	<p>Il-Moviment 'Novorossiya'/'Russja Ġdida' ġie stabbilit f'Novembru 2014 fir-Russja u hu mmexxi mill-uffiċjal Russu Igor Strelkov/Girkin (identifikat bħala membru tal-persunal tal-Main Intelligence Directorate tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU)).</p> <p>Skont l-oġġettivi ddikjarati tiegħu, huwa għandu l-għan li jipprovdi assistenza effettiva komprensiva lin-'Novorossiya', inkluż billi jgħin lill-milizzja li qed tiġġieled fil-Lvant tal-Ukrajna, u b'hekk jappoġġa politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Assoċjat ma' persuna elenkata li pperikolat l-integrità territorjali tal-Ukrajna.</p>	16.2.2015